---

3 ta' Mejju, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Spiridione Falzon et. *versus* Vincenzo Mifsud.

**Senserija — Kumpens.**

*Is-sensal għandu dritt għas-senserija meta l-operazzjoni tkun ġiet effettivament eżegwita; diversament dak id-dritt ma jistax joħroġ favur il-medjatur, avvolja l-partijiet ikunu marru lura mill-ftehim volontarjament, u mhux għax kien hemm xi ostakolu legali*

*jew xi diffikoltà oħra li fixklet il-kuntratt definitiv.*

*Ilhnla s-sensal ma għandux jiġi preġudikat fid-drittijiet tiegħu, u għall-liekk dawn id-drittijiet kuwa ma jitlifhomx; biss, minflok senserija jmissu kumpens li jiġi stabbilit mill-Qorti skond iċ-ċirkostanzi tal-kaž.*

*Fir-regolament ta' dan il-kumpens jiġu kunsidrati ċ-ċirkustanzi tal-kaž, fosthom l-entità ta' l-operazzjoni, u anki l-fatt li n-negozju sfratta għax riedu l-partijiet.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremettew illi huma, bħala sensala, irnexxielhom jgħaqqdu n-negozju bejn il-konvenut u ċertu Pinu Abela, fejn dana kien sejjer jittrasferixxi char-a-banc numru 172 liċenzjata fuq il-linja ta' Birkirkara lill konvenut in kontrakkambju ta' l-erbgħa fondi tal-Pjetà, St. Gregory's Street, numri 1, 2, 8 u 9, stmati £850, u pagament ta' rigal ta' £3,000; u illi wara li kien sar l-att tal-konvenju n-negozju sfratta għal fatti indipendenti mill-atturi, iżda sar ftehim li l-konvenut kellu jħallas rigal lil Pinu Abela u l-ispejjeż, dak li effettivament għamel, u s-senserija dovuta lill-atturi, dak li non ostanti diversi interpellazzjonijiet, kompriża l-ittra uffiċjali tat-23 ta' April 1947, għadu ma għamelx; u talbu li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut jiġi kundannat minn dina l-Qorti jħallas lill-atturi dik is-somma li tiġi likwidata u fissata minn dina l-Qorti għas-saldu tas-senserija jew kumpens lilhom dovut għas-serviġi reżi fl-okkażjoni ta' l-operazzjoni indikata bejn il-konvenut u Pinu Abela, liema operazzjoni kellha bħala oġġett it-tpartit tax-char-a-banc ma' fondi stmati £850 u l-pagament ta' £3,000. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' April 1947, u bl-imgħaxijiet kummerċjali min-notifika ta' l-istess ittra uffiċjali;

*Omissis;*

B'nota fil-fol. 13 l-attur Felice Dimech irrinunzja għall-atti tal-kawża, in kwantu jirrigwardaw lilu;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu fit-13 ta' Jannar 1948, fejn laqgħet it-talba

ta' l-attur Falzon u għalhekk ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur Falzon is-somma ta' £38 bl-imgħax u bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi ż-żewġ atturi għamluha ta' sensala fin-negozju msemmi fiċ-ċitazzjoni, iżda l-konvenut ried jerġa' lura u ġie maħlul mill-parti l-oħra bil-patt li jħallas l-ispejjeż u rigal ta' £25; illi la darba kien hemm ftehim, għalhekk inħoloq dritt ta' senserija tal-1% favur kull sensal miż-żewġ kontraenti, u għalhekk l-attur għandu dritt għan-nofs, ċjoè għas-somma ta' £38;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu, fejn talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u għalhekk ikunu riġettati d-domandi ta' l-attur Falzon; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi investita f'dan l-appell hija dik jekk l-appellant kellux rapporti ma' l-appellat, peress illi dak jippretendi illi s-sensal tiegħu kien Felice Dimech, li ċieda l-azzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, u li kien dan li daħħal miegħu, fir-rapport intern ta' bejniethom, lis-sensal l-ieħor, l-appellant. Iżda din il-pretensjoni u dan il-gravam mhux fondat; infatti jirriżulta mill-provi illi, għalkemm l-appellant kien probabilment jaf lil Felice Dimech, kien avviċina lilu. iżda mill-ewwel kien deher is-sensal l-ieħor......... Però jidher mill-provi illi l-appellat, waqt it-trattativi, daħal in kuntatt ma' l-appellant u kien anki mar fid-dar tiegħu ma' Filippo Abela............;

Tikkunsidra;

Illi gravam ieħor huwa illi peress li n-negozju ma sarx, is-sensal, skond il-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati ma għandux dritt għas-senserija, iżda għal kumpens. Dan il-gravam huwa fondat. Veru illi fiċ-ċitazzjoni t-talba hija għas-senserija jew kumpens, iżda l-Ewwel Qorti rraġunat fuq is-senserija. tat id-dritt li l-liġi tagħti għas-senserija, u laqgħet it-talba, u għalhekk dan għandu raġjonevolment jiftiehem li sar in bażi għad-dritt tas-senserija. L-unika speċjalità li hawn f'dana l-każ, a differenza ta' każijiet oħra de-

ċiżi, hija illi l-kuntratt ma sarx għaliex il-partijiet volontarjament marru lura mill-ftehim, u mhux għaliex il-kumpratur sab xi ostakolu legali jew inqalgħet xi diffikultà oħra, li huma l-każi ordinarji l-għala ġeneralment il-kuntratti definitivi ma jsirux. U allura donnu jidher illi la darba huma volontarjament għamlu hekk, u l-appellant obliga ruħu jħallas l-ispejjeż, għandu ma jippreġudikax lis-sensala. Iżda għalkemm dan huwa kollu veru, ġuridikament ma joħroġx id-dritt għas-senserija; għaliex la darba huwa stabbilit illi s-sensal għandu dritt għas-senserija meta l-operazzjoni effettivament tkun ġiet eżegwita, la darba għal kwalunkwe raġuni l-kuntratt ma ġiex publikat u n-negozju ma sarx, id-dritt għas-senserija ma jistax joħroġ. Jekk imbagħad is-sensal ma għandux jiġi preġudikat mill-operat inġust tal-partijiet, allura dana jista' jiġi kunsidrat fil-kwistjoni tal-kumpens jew hemm l-azzjoni tad-danni. jekk din ġuridikament għandha r-rekwiżiti kollha tagħha. Iżda minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ din il-kwistjoni tiġi eżaminata fil-likwidazzjoni tal-kumpens;

Tikkunsidra;

Illi fuq il-kumpens, in-negozju kien ta' trasferiment ta' char-a-banc bil-korrispettiv ta' £3,000 flus u valur ta' immobili ta' £850, u ċertament fil-likwidazzjoni tal-kumpens l-entità ta' l-operazzjoni għandha tiġi kunsidrata. Rigward għax-xogħol tas-sensala, huma marru diversi drabi għand il-partijiet............... u dan ix-xogħol dam diversi ġranet..............
Meħuda konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, u partikolarment tal-fatt fuq riportat, illi n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt definitiv kien sempliċement għaliex hekk riedu l-partijiet, is-somma li kienet tmiss liż-żewġ sensala kienet tkun ta' £40. u għalhekk in-nofs ta' dik is-somma huwa ta' £20;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell tal-konvenut, u għalhekk tilqa' t-talba, fissens illi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur bħala kumpens għax-xogħol tiegħu s-somma ta' £20, bl-imgħax mil-lum, u bl-ispejjeż ta' l-ewwel istanza fuq dik is-somma hekk likwidata, kollha kontra l-konvenut, u fuq kwalunkwe ulter-

juri somma, għal dak li jirrigwarda d-dritt tad-difensuri u tar-reġistru, jitħallsu skond ir-rebħ u t-telf rispettiv; l-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu nofs minn kull parti, barra mid-dritt tar-reġistru li jitħallas mill-appellant; u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.